**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

# AVVIŻI PARROKKJALI – 9 ta' Ġunju 2019

**Kandidati għall-Griżma tal-Isqof u Festa ta' Pentekoste**

Il-Ħadd 9 ta' Ġunju 2019 fil-quddiesa tad-9.15am mistiedna l-adolexxenti flimkien mal-familji tagħhom li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof fis-26 u fis-27 ta' Ottubru 2019.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 9 ta' Ġunju 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Festa ta' Sant'Antnin ta' Padova**

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2019 fil-Kappella tal-Park ta' Sant'Antnin issir il-festa ta' Sant'Antnin ta' Padova. Se jkun hemm quddiesa fl-10:00am u oħra fis-7:00pm. Inħeġġukom sabiex nattendu u wara l-quddiesa jkollna l-ħobż biż-żejt u *drinks*.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2019 fid-9:30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Jum il-Missier**

Il-Ħadd 16 ta' Ġunju 2019 fil-quddiesa tad-9:15am niċċelebraw Jum il-Missier.

**Kunċert fl-okkazjoni tal-25 Anniversarju tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna**

Il-Ħadd 16 ta' Ġunju 2019 fis-7:30pm fit-Teatru Manuel, il-Belt Valletta, l-Għaqda Mużikali Sant'Anna ser itella' l-Kunċert Vokali u Strumentali fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju tal-istess Għaqda. Inħeġġukom sabiex tattendu.

**Ħarġa għal-lejlet il-Festa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija**

Il-Parroċċa ser torganizza ħarġa għal Għawdex nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju 2019. Nitilqu minn ħdejn is-Sala Sant'Anna fit-3.15pm. Inżuru s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, Marsalforn u wara għall-lejlet il-festa ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija. Niġu lura mal-vapur tal-10.30pm. Biljetti mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

**Festa Familja fuq is-Simenta**

Is-Sibt 29 ta' Ġunju 2019, huwa xahar qabel il-festa ta' Sant'Anna, għalhekk ser norganizzaw Festa Familja bl-ikel fuq is-Simenta. Dakinhar ser nixegħlu partijiet li fadal mill-Knisja Parrokkjali bil-bozoz *LEDs* flimkien ma' armar ġdid li ser jiżżanżan fil-festa ta' Sant'Anna din is-sena. Nibdew fis-7:30pm u ser ikun hemm ukoll varjetà ta' għanjiet mill-*band* tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu u biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Summer Club**

Il-Parroċċa tagħna matul dan is-sajf qed torganizza Summer Club għal adolexxenti u żgħażagħ bejn it-12 u 17-il sena (li twieldu bejn 2002 u 2007) fil-Youth Centre tal-Villa Apap Bologna, nhar ta' Tnejn, Tlieta u Ħamis, għax-xahar ta' Lulju. Għall-applikazzjonijiet u għal aktar informazzjoni idħlu fis-sagristija jew kellmu lil-leaders tal-gruppi taż-żgħażagħ tagħna.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 90 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali quddiem ix-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.